SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

20 ta' Mejju 2010 *

Fil-Kawża C-434/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Oberlandesgericht Oldenburg (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Settembru 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Ottubru 2008, fil-proċedura

Arnold und Johann Harms als Gesellschaft bürgerlichen Rechts

vs

Freerk Heidinga,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, E. Levits, A. Borg Barthet (Relatur), J.-J. Kasel u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta' Diċembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Arnold und Johann Harms als Gesellschaft bürgerlichen Rechts, minn F. Schulze, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u N. Graf Vitzthum, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Erlbacher u F. Clotuche-Duvieusart, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Frar 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269, u rettifika ĠU 2004, L 94, p. 70).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Arnold und Johann Harms als Gesellschaft bürgerlichen Rechts u F. Heidinga (iktar 'il quddiem ix-"xerrej") dwar l-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' bejgħ ta' azjenda agrikola.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

Ir-Regolament Nru 1782/2003

3 Ir-Regolament Nru 1782/2003 jistabbilixxi, b'mod partikolari, skema ta' appoġġ għaddħul tal-bdiewa. Din l-iskema hija deskritta, fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament bħala l-"iskema ta' pagament uniku". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 Skont il-premessa 2 tar-Regolament Nru 1782/2003:

"Il-pagament sħiħ ta' għajnuna diretta għandu jkun marbut ma' l-osservanza tar-regoli relatati ma' l-art agrikola, mal-produzzjoni u ma' l-attività agrikola. Dawk ir-regoli għandhom iservu biex jinkorporaw fl-organizzazzjonijiet tas-suq komuni 'standards' dwar l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali u kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Jekk dawk in-normi bażiċi mhumiex milħuqa, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-għajnuna diretta totalment jew parzjalment fuq il-bażi ta' kriterji li huma proporzjonali, oġġettivi u gradwali. Dan l-irtirat għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet stabbiliti issa jew fil-futur taħt dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità jew nazzjonali."

5 Il-premessa 3 ta' dan ir-regolament tiddikjara b'mod partikolari:

"Biex ikun evitat l-abbandun ta' art agrikola u biex ikun żgurat li tkun miżmuma f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, għandhom jiġu stabbiliti 'standards' li jistgħu jkollhom jew le il-bażi f'dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri […]"

6 Skont il-premessa 21 tar-Regolament Nru 1782/2003:

"L-iskemi ta' appoġġ taħt il-politika agrikola komuni jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul direct b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien imparzjali għall-Komunità agrikola. Dan l-għan hu relatat mill-qrib mal-manteniment [konservazzjoni] taż-żoni rurali. Biex tkun evitata l-misallokazzjoni tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti."

7 Il-premessa 24 ta' dan ir-regolament jipprovdi li:

"Tkabbir fil-kompetittività tal-agrikoltura tal-Komunità u l-promozzjoni tal-kwalità ta' l-ikel u ta' livelli ambjentali neċessarjament iġibu magħhom tnaqqis fil-prezzijiet istituzzjonali tal-prodotti agrikoli u żjieda fil-prezz tal-produzzjoni għall-azjendi agrikoli fil-Komunità. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet u biex ikun hemm promozzjoni ta' agrikoltura sostenibbli u orjentata iktar lejn is-suq, hi neċessarja li tkun kompletata il-bidla mill-appoġġ lill-produzzjoni għall-appoġġ lill-produttur billi tiġi ntrodotta sistema ta' dħul separat għal kull razzett. Waqt li l-imsemmija separazzjoni ma tbiddilx l-ammont attwali li jitħallas lill-bdiewa, iżżid b'mod sinifikanti l-effikaċja tad-dħul

f'forma ta' għajnuna. Hu għalhekk xieraq li l-pagament uniku lir-razzett ikun suġġett għall-kondizzjoni li jkun hemm 'cross-compliance' ma' l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali, kif ukoll il-manteniment [konservazzjoni] tar-razzett f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba."

8 Il-premessa 30 ta' dan ir-regolament jipprovdi b'mod partikolari:

"L-ammont totali li għalih għandu dritt razzett għandu jinqasam f'partijiet (drittijiet għall-pagament) u għandu jintrabat ma' ċertu numru ta' ettari eliġibbli li jrid jiġu definiti, biex ikun faċilitat it-trasferiment tad-drittijiet ta' 'premium'. Biex ikunu evitati trasferimenti spekulattivi li jwasslu għall-akkumulazzjoni ta' drittijiet għall-pagament mingħajr bażi agrikola li tikkorrispondi magħhom, meta tingħata l-għajnuna, ikun xieraq li tkun ipprovduta rabta bejn id-drittijiet u ċerti numru ta' ettari eliġibbli, kif ukoll il-possibilità li jiġu limitati t-trasferimenti ta' drittijiet ġo reġjun […]"

9 Skont l-Artikolu 2 tal-istess regolament:

"[…] għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

a) 'bidwi'; ifisser persuna naturali [fiżika] jew legali [ġuridika], jew grupp ta' persuni naturali jew legali [...] li jeserċita attività agrikola;

[…]

ċ) ‘attività agrikola’; tfisser il-produzzjoni, trobbija jew tkabbir ta’ prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, produzzjoni tal-ħalib, trobbija ta’ annimali u ż-żamma ta’ annimali għal skop ta’ biedja, jew il-manteniment [konservazzjoni] ta’ l-art f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit taħt l-Artikolu 5;

[…]”

10 It-Titolu II tar-Regolament Nru 1782/2003 jinkludi l-Kapitolu 1 intitolat “Cross compliance” li jikkonsisti fl-Artikoli 3 sa 9. L-Artikolu 3 ta’ dan ir-regolament, bit-titolu “Kondizzjonijiet prinċipali”, jipprovdi li:

“1. Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet amministrattivi statutarji msemmija fl-Anness III, skond il-kalendarju mniżżel f’dak l-Anness, u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba stabbilita taħt l-Artikolu 5.

2. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jipprovdu lill-bidwi lista ta’ kondizzjonijiet amministrattivi statutarji u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba li jrid jiġu rispettati.”

11 It-Titolu III tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat “Skema ta’ pagament uniku” jinkludi, fil-Kapitoli 1 sa 4 tiegħu, ir-regoli ta’ bażi applikabbli għal din l-iskema ta’ appoġġ għad-dħul għall-bdiewa bid-“dħul separat” tal-produzzjoni.

12 Skont l-Artikolu 33(1) tal-istess regolament:

"Il-bdiewa għandu jkollhom aċċess għall-iskema ta' pagament uniku jekk:

a) ġew mogħtija pagament fil-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 38 taħt mill-inqas waħda mill-iskemi ta' appoġġ imsemmija fll-Anness VI, jew

b) irċevew l-azjenda jew parti mill-azjenda, permezz ta' wirt jew wirt antiċipat, minn bidwi li ssodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a), jew

ċ) irċevew dritt għall-pagament mir-riżerva nazzjonali jew permezz ta' trasferiment."

13 L-Artikolu 36(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jipprovdi li:

"Għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku għandha titħallas fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament kif definiti fil-Kapitolu 3, akkumpanjati b'numru ugwali ta' ettari eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 44(2)."

14 Skont l-Artikolu 44 ta' dan ir-regolament, intitolat "Użu ta' drittijet għall-pagament":

"1. Kull dritt għall-pagament akkumpanjat b'ettaru eliġibbli għandu jagħti dritt għall-pagament ta' l-ammont iffissat mid-dritt ta' pagament.

2. 'Ettaru eliġibbli'; ifisser kull żona agrikola ta' l-azjenda meħuda minn art li tinħarat u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

[…]"

15 L-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Trasferiment ta' drittijiet għall-pagament", jipprovdi li:

"1. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti biss lill-bidwi ieħor stabbilit fl-istess Stat Membru ħlief fil-każ ta' trasferiment b'wirt attwali jew antiċipat.

[…]

2. Drittijiet għall-pagament jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' bejgħ jew trasferiment definittiv ieħor bl-art jew mingħajr. B'kuntrast, kera jew tipi ta' operazzjonijiet simili għandhom biss jiġu permessi jekk id-drittijiet għall-pagament li ġew trasferiti huma akkumpanjati mit-trasferiment ta' numru ekwivalenti ta' ettari eliġibbli.

Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 40(4), bidwi jista' jitrasferixxi d-drittijiet tiegħu għall-pagament mingħajr art biss wara li uża, fis-sens ta' l-Artikolu 44, mill-inqas 80 % tad-drittijiet tiegħu għall-pagament matul mill-inqas sena kalendarja waħda jew, wara li volontarjament ċeda lir-riżerva nazzjonali d-drittijiet għall-pagament kollha li ma użax fl-ewwel sena ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku.

[…]"

16 Is-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 5 ta' dan ir-regolament, intitolat "Implimentazzjoni reġjonali", tipprovdi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplementaw l-iskema ta' pagament uniku fuq livell reġjonali.

17 L-Artikolu 59(1) u (3) tal-imsemmi regolament, li jifforma parti mill-imsemmija sezzjoni, jipprovdi li:

"1. F'każijiet ġustifikati u skond kriterji oġġettivi l-Istat Membru jista' jiddividi l-ammont totali tal-limitu reġjonali stabbilit taħt l-Artikolu 58 jew parti minnu bejn

il-bdiewa kollha li l-azjendi tagħhom jinsabu fir-reġjun konċernat, inklużi dawk li ma jilħqux il-kriterju ta' eliġibilità stabbilit fl-Artikolu 33.

[…]

3. Fil-każ ta' diviżjoni parzjali ta' l-ammont totali tal-limitu reġjonali, il-bdiewa għandhom jirċievu drittijiet li l-valur tal-'unit' tagħhom hu kkalkulat bid-diviżjoni tal-parti korrispondenti tal-limitu reġjonali stabbilit taħt l-Artikolu 58 bin-numru ta' ettari eliġibbli, fis-sens ta' l-Artikolu 44(2), stabbilit fuq livell reġjonali.

Fil-każ li l-bidwi għandu wkoll dritt jirċievi drittijiet fuq il-bqija tal-limitu reġjonali, il-valur tal-'unit' reġjonali ta' kull wieħed mid-drittijiet tiegħu, ħlief għad-drittijiet ta' l-art imwarrba, għandu jiżdied b'ammont li jikkorrispondi ma' l-ammont ta' referenza diviż bin-numru ta' drittijiet tiegħu stabbilit skond il-paragrafu 4.

[…]"

18 L-Artikolu 62 tar-Regolament Nru 1782/2003 jippermetti lill-Istati Membri li jiddeċiedu li l-ammonti li jirriżultaw mill-premium għall-prodotti tal-ħalib u pagamenti addizzjonali, ipprovduti fl-Artikoli 95 u 96, ikunu inklużi, parzjalment jew b'mod sħiħ, fl-iskema ta' pagament uniku mis-sena 2005 'l quddiem.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

19 Skont l-Artikolu 2(1) tal-Liġi li timplementa l-iskema ta' pagament uniku (Betriebsprämiendurchführungsgesetz, iktar 'il quddiem il-"BetrPrämDurchfG"), il-pagament uniku jingħata fuq livell reġjonali mill-1 ta' Jannar 2005 skont ir-regoli ddettaljati stabbiliti bl-imsemmija liġi u bir-regolament li jimplementa l-pagament uniku.

20 L-Artikolu 5(1) tal-BetrPrämDurchfG jipprovdi li l-ammont ta' referenza tal-pagament uniku, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59(1) u (3) tar-Regolament Nru 1782/2003 moqrija flimkien, jikkonsisti, għal kull bidwi, minn ammont li huwa speċifiku għall-azjenda u minn ammont ibbażat fuq id-daqs.

21 L-ammont speċifiku għall-azjenda huwa kkalkolat abbażi tal-pagamenti diretti preċedenti elenkati fil-punt 1 tal-Artikolu 5(2) tal-BetrPrämDurchfG, li magħhom jeħtieġ li jiżdiedu l-premium għall-prodotti tal-ħalib u l-pagamenti addizzjonali. L-ammont ibbażat fuq id-daqs huwa kkalkolat billi tiġi diviża l-bqija tal-parti tal-limitu reġjonali bin-numru ta' ettari.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

22 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, permezz ta' kuntratt ta' bejgħ tat-8 ta' Novembru 2005, A. G. Harms u J. Harms (iktar 'il quddiem il-"bejjiegħa") biegħu

lix-xerrej art agrikola kif ukoll ħażniet tal-għalf u kwantitajiet ta' ħalib ta' referenza. Minbarra t-trasferiment ta' 9.6 ettari ta' art agrikola li l-bejjiegħa kienu l-proprjetarji tagħha, il-kuntratt ta' bejgħ kien jipprovdi wkoll għall-possibbiltà għax-xerrej li jieħu, permezz ta' ftehim mal-proprjetarji jew, dawk li għandhom dritt, madwar 100 ettari ta' art, li l-proprjetarji kienu jiddisponu minnhom permezz ta' qbiela jew ta' kuntratti ta' użu.

23 Il-partijiet fil-kuntratt ta' bejgħ jaqblu bejniethom ukoll li l-bejjiegħa jittrasferixxu lix-xerrej, mingħajr ħlas, id-drittijiet għall-pagament kollha li għandhom jiġu allokati lilhom abbażi li huma jaħdmu l-art agrikola li hija s-suġġett ta' dan il-bejgħ kif ukoll l-art li l-bejjiegħa krew, jew li tkun kienet tqiegħdet għad-dispożizzjoni għall-użu tagħhom, u li x-xerrej qed jieħu l-pussess tagħha.

24 L-Artikolu 9 tal-kuntratt ta' bejgħ kien jinkludi b'mod partikolari l-klawżola s-segwenti:

"Ladarba d-drittijiet għall-pagament ikunu ġew stabbiliti b'mod definittiv u allokati, il-bejjiegħa għandhom jinformaw lix-xerrej bil-valur tagħhom fi żmien ġimgħatejn minn meta jkunu ġew innotifikati, imma mhux iktar tard mill-15 ta' Jannar 2006.

Il-partijiet kontraenti qed jaqblu li jikkonkludu, mhux iktar tard mill-15 ta' Frar 2006, kuntratt [...] għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament attwali li jispeċifika l-kriterji ta' identifikazzjoni u l-valur.

Fi żmien xahar minn meta jsir il-kuntratt inkwistjoni, il-partijiet kontraenti għandhom jirreġistraw it-trasferiment mal-Bażi ta' Data Ċentrali tas-Sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll.

Il-partijiet jaqblu bejniethom li x-xerrej huwa intitolat għal erbgħin dritt għall-pagament fir-rigward ta' art agrikola u erbgħin dritt għall-pagament fir-rigward ta' għelieqi fejn jirgħu l-annimali b'mod permanenti kif ukoll dik il-parti biss tad-drittijiet għall-pagament li huma speċifiċi għal azjendi agrikoli ('top-ups') li tiġi allokata fir-rigward tal-kwantitajiet ta' ħalib ta' referenza (madwar 622 000 kg) li ġew ittrasferiti lix-xerrej bħala qbiela fil-kuntest tax-xiri tal-azjenda agrikola.

Ix-xerrej għaldaqstant jaqbel li jittrasferixxi lill-bejjiegħa, ladarba jkunu saru l-pagamenti annwali, il-pagamenti li jkun irċieva fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament relatati ma' art jew speċifiċi għal azjendi agrikoli li jeċċedu dawk ta' hawn fuq (madwar 15-il dritt għall-pagament fir-rigward ta' art agrikola, madwar 15-il dritt għall-pagament fir-rigward ta' għelieqi fejn jirgħu l-annimali b'mod permanenti u pagamenti ta' kumpens għall-ħalib għal madwar 1 000 000 kg ta' kwantitajiet ta' ħalib ta' referenza) [...]"

25 Il-kuntratt ta' bejgħ ġie eż egwit u l-art agrikola li ġiet mibjugħa skont il-kuntratt ġiet ittrasferita f'isem ix-xerrej. Fl-1 ta' April 2006, 111.79 drittijiet għall-pagament ġew ittrasferiti lix-xerrej.

26 B'dikjarazzjoni ta' ċessjoni bil-miktub, tad-29 ta' Jannar 2007, il-bejjiegħa (A. G. Harms u J. Harms) ċedew lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali (Arnold u Johann Harms als Gesellschaft bürgerlichen Rechts) id-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' bejgħ.

27 Abbażi tal-imsemmi kuntratt ta' bejgħ u tal-ftehim tas-6 ta' Jannar 2006 li jirriżulta minnu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbet b'mod partikolari lix-xerrej jitrasferixxilha, għas-sena 2006, is-somma totali ta' EUR 40 823.05 fir-rigward ta' drittijiet għall-pagament dovuti lill-bejjiegħa skont il-ftehim intern bejn il-partijiet.

28 Wara ċ-ċaħda ta' din it-talba mil-Landgericht Aurich, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali appellat quddiem il-Oberlandesgericht Oldenburg.

29 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-eżitu tal-kawża quddiemha jiddependi mill-validità tal-klawżola li tinsab fl-Artikolu 9 tal-kuntratt ta' bejgħ, fid-dawl b'mod partikolari tar-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament previsti fl-Artikolu 46 tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-għanijiet tal-iskema ta' pagament uniku.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberlandesgericht Dresden iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 46(2) tar-[Regolament Nru 1782/2003] għandu jiġi interpretat fis-sens li, huma inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni, u konsegwentement invalidi, il-ftehim li għandhom bħala għan it-twettiq oġġettiv ta' trasferiment komplut u definittiv tad-drittijiet għall-pagament, filwaqt li, minn perspettiva ekonomika, skont il-ftehim tal-partijiet, huwa l-bejjiegħ li jżomm id-drittijiet għall-pagament, filwaqt li x-xerrej, fil-kapaċità tiegħu bħala l-persuna li formalment għandha drittijiet għall-pagament, għandu jattiva l-imsemmija drittijiet għall-pagament billi jikkultiva l-artijiet korrispondenti, u għandu l-obbligu jgħaddi lill-bejjiegħ il-pagamenti kollha li rċieva, jew li permezz tagħhom il-pagamenti relatati ma' dawn l-artijiet huma ttrasferiti lill-bejjiegħ skont mekkaniżmu li jimponi fuq ix-xerrej, minn tal-inqas wara l-attivazzjoni tad-drittijiet u l-kisba tal-pagamenti, li jgħaddi regolarment lill-bejjiegħ parti mill-pagamenti li jkun irċieva (il-parti speċifika għal azjenda agrikola)?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

31 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li d-domanda magħmula ma tikkorrispondix mal-kuntest fattwali tal-kawża prinċipali.

32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, kif prevista fl-Artikolu 234 KE, hija biss il-qorti nazzjonali, li hija adita bil-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tittieħed, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2009, Hochtief u Linde-Kca-Dresden, C-138/08, Ġabra p. I-9889, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, hija barra minn hekk il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u legiżlattiv, kif iddefinit fid-deċiżjoni tar-rinviju, li jagħmlu parti minnu d-domandi preliminari (sentenza tat-13 ta' Novembru 2003, Neri, C-153/02, Ġabra p. I-13555, punt 35).

34 Għaldaqstant għandu jiġi kkunsidrat li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli u għandha tiġi eżaminata fil-kuntest fattwali ddefinit mill-Oberlandesgericht Oldenburg fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha.

Fuq il-mertu

35 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 46(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi ftehim, bħala dak inkwisjtoni fil-kawża prinċipali, li għandu l-għan ta' trasferiment definittiv ta' drittijiet għall-pagament u li bis-saħħa tiegħu x-xerrej, bħala l-persuna intitolata għad-drittijiet għall-pagament, għandu l-obbligu li jattiva l-imsemmija drittijiet u li jgħaddi lill-bejjiegħ l-ammont kollu, jew parti minnu, tal-pagamenti li jkun irċieva għal dan ir-rigward.

36 L-ewwel nett, hemm lok li jitfakkar li, għalkemm kuntratt huwa kkaratterizzat mill-prinċipju tal-awtonomija tal-volontà, li b'mod partikolari jgħid li l-partijiet huma ħielsa li jikkommettu ruħhom lejn xulxin, limitazzjonijiet għal din il-libertà kuntrattwali jistgħu madankollu jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal- 5 ta' Ottubru 1999, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-240/97, Ġabra p. I-6571, punt 99).

37 B'mod partikolari, il-libertà kuntrattwali li għandha l-persuna intitolata għal drittijiet għall-pagament ma tippermettilhiex li tidħol f'impenji li jmorru kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 1782/2003.

38 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont it-tieni inċiż tar-Regolament Nru 1782/2003, l-iskema ta' pagament uniku jikkostitwixxi appoġġ għad-dħul għall-bdiewa. Kif iddikjarat fil-premessa 21 ta' dan ir-regolament, l-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien imparzjali għall-Komunità agrikola huwa relatat mill-qrib mal-konservazzjoni taż-żoni rurali. Għaldaqstant għal din ir-raġuni li l-premessa 24 tal-imsemmi regolament tipprovdi li huwa għalhekk xieraq li l-pagament uniku lir-razzett ikun suġġett għall-kundizzjoni li jkun hemm "cross-compliance" mal-ambjent, sigurtà tal-ikel, saħħa u benesseri tal-annimali, kif ukoll il-konservazzjoni tar-razzett f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Barra minn hekk, il-leġiżlatur issuġġetta l-għoti tal-appoġġ għall-kundizzjoni li l-bidwi jkollu numru ta' ettari li jikkorrispondu għan-numru ta' drittijiet għall-pagament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, van Dijk, C-470/08, Ġabra p. I-603, punt 33).

39 Minn dan isegwi li bidwi ma jistax jibbenefika mill-iskema ta' appoġġ stabbilita bir-Regolament Nru 1782/2003 jekk ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-regolament. Fil-każ kuntrarju, fil-fatt, huwa jikseb vantaġġ li jmur kontra l-għanijiet tal-iskema ta' pagament uniku.

40 Fir-rigward tar-regoli stabbiliti bir-Regolament Nru 1782/2003 għal dak li jirrigwarda t-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 46(2) tal-imsemmi regolament jipprovdi b'mod partikolari li t-trasferiment ta' drittijiet għall-pagament jista' jsir bi trasferiment definittiv, b'kera jew b'tranżazzjoni simili.

41 Fil-kuntest ta' trasferiment definittiv, bħal f'każ bħal dan, il-bidwi li kien sa dak- inhar jibbenefika mid-drittijiet għall-pagament jirrinunzja b'mod definittiv għat-talbiet tiegħu permezz ta' bejgħ lil bidwi ieħor, li sussegwentement jattiva dawn id-drittijiet favur tiegħu stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza van Dijk, iċċitata iktar 'il fuq, punt 35).

42 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-bejjiegħa ttrasferixxew lix-xerrej id-drittijiet għall-pagamenti kollha li kienu ġew allokati lilhom. Il-kuntratt ta' bejgħ kien jipprovdi, b'mod partikolari, li l-partijiet għandhom jirreġistraw it-trasferiment definittiv ta' drittijiet għall-pagament mal-Bażi ta' Data Ċentrali tas-Sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-Sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' drittijiet għall-pagament.

43 Madankollu, bejniethom, il-partijiet fil-kuntratt ta' bejgħ qablu, bi klawżola fl-Artikolu 9 tal-imsemmi kuntratt, li jallokaw lix-xerrej numru speċifikat ta' drittijiet għal pagament, u huwa jaqbel li jittrasferixxi lill-bejjiegħa l-pagamenti li jkun irċieva fir-rigward tal-kumplament tad-drittijiet wara li jkun attivahom.

44 Jidher mill-kliem tal-imsemmija klawżola, li tistipula espressament li x-xerrej huwa intitolat, mhux għad-drittijiet kollha ttrasferiti lilu, iżda biss għal parti minnhom, jidher li l-intenzjoni tal-partijiet, bejniethom, kienet li jallokaw lill-bejjiegħa parti mid-drittijiet għall-pagament ittrasferiti, bi ksur tal-għanijiet tar-Regolament Nru 1782/2003. Interpretata *a* contrario, fil-fatt minn din il-klawżola jirriżulta neċessarjament li l-kumplament tad-drittijiet għall-pagament jappartjenu għall-bejjiegħa. Tali evalwazzjoni hija msaħħa mill-fatt li, kif jirriżulta mill-elementi ppreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet ma poġġew l-ebda limitu temporali fuq l-obbligu tax-xerrej sabiex jgħaddi lill-bejjiegħa parti mill-pagamenti li jkun irċieva fir-rigward tal-imsemmija drittijiet għall-pagament.

45 Tali klawżola, li biha lil min lilu jsir it-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament jiġi allokat, bi ftehim bejn il-partijiet, biss parti mid-drittijiet għall-pagament li kienu formalment ittrasferiti lilu, ma tistax titqies li hija konformi mal-għanijiet tar-Regolament Nru 1782/2003, kif stabbilit fil-punt 38 ta' din is-sentenza, sa fejn l-għan ta' din il-klawżola huwa li jippermetti lil min jitrasferixxi li jkompli jibbenefika mill-iskema ta' appoġġ stabbilita b'dan ir-Regolament Nru 1782/2003 mingħajr ma jkun huwa stess suġġett għall-obbligi msemmija fil-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-imsemmi regolament kif ukoll għall-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 33 tal-istess regolament.

46 Madankollu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet fis-seduta li, meta ġie konkluż il-kuntratt ta' bejgħ, id-drittijiet għall-pagament ma kinux għadhom ġew allokati fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u fis-Sassonja t'Isfel b'mod partikolari. B'hekk, l-għan tal-imsemmija klawżola, li l-formulazzjoni tagħha hija infeliċi, ma kienx li jitrasferixxi lura lilha parti mid-drittijiet għall-pagament ittrasferiti lix-xerrej, iżda li tistabbilixxi, b'riferiment għall-valur ta' din il-parti tad-drittijiet għall-pagament, il-prezz miftiehem għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament kollha.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitqies li, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni kuntrarja fir-Regolament Nru 1782/2003, il-partijiet huma, fil-prinċipju, ħielsa li jistabbilixxu l-ammont li għandu jitħallas għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, domanda deċiżiva hija jekk il-klawżola inkwistjoni tirriżultax mir-rieda tal-partijiet li jallokaw, bejniethom, parti mid-drittijiet għall-pagament formalment ittrasferiti lill-bejjiegħa, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1782/2003, jew hix intiża li tistabbilixxi, b'riferiment għall-valur ta' din il-parti tad-drittijiet għall-pagament, il-prezz miftiehem għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament kollu.

49 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, abbażi tal-fatti li hija biss tista' tevalwa, liema kienet l-intenzjoni vera tal-partijiet.

50 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-Regolament Nru 1782/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix ftehim, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu l-għan ta' trasferiment definittiv ta' drittijiet għall-pagament u li bih ix-xerrej, fil-kapaċità tiegħu bħala l-persuna li għandha drittijiet għall-pagament, għandu jattiva l-imsemmija drittijiet u li jgħaddi lill-bejjiegħa, mingħajr ebda limitu temporali, l-ammont kollu, jew parti minnu, tal-pagamenti li jkun irċieva għal dan ir-rigward, bil-kundizzjoni li l-għan ta' tali ftehim ma jkunx li

jippermetti lil min jitrasferixxi li jżomm parti mid-drittijiet għall-pagament li huwa ttrasferixxa formalment, iżda li jistabbilixxi, b'riferiment għall-valur ta' din il-parti tad-drittijiet għall-pagament, il-prezz miftiehem għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament kollu.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix ftehim, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandu l-għan ta' trasferiment definittiv ta' drittijiet għall-pagament u li bih ix-xerrej, fil-kapaċità tiegħu bħala l-persuna li għandha drittijiet għall-pagament, għandu jattiva l-imsemmija drittijiet u li jgħaddi lill-bejjiegħa, mingħajr ebda limitu temporali, l-ammont kollu, jew parti minnu, tal-pagamenti li jkun irċieva għal dan ir-rigward, bil-kundizzjoni li l-għan ta' tali ftehim ma jkunx li jippermetti lil min jitrasferixxi li jżomm parti mid-drittijiet għall-pagament li

huwa ttrasferixxa formalment, iżda li jistabbilixxi, b'riferiment għall-valur ta' din il-parti tad-drittijiet għall-pagament, il-prezz miftiehem għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pagament kollu.

Firem